# PRIM' AWLA
# QORTI CIVILI
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**sitta (6) ta' Lulju 2020**

**Referenza Kostituzzjonali Numru 76/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Spiridione Tanti Costa**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-referenza Kostituzzjonali illi saret mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Mejju meta ġie verbalizzat minnha kif ġej:

> *Dr. Joe Brincat għall-appellant jagħmel referenza għad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati wara li kien għamel id-difiża fit-3/10/2014 fejn dik l-istess qorti kienet laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex issir korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u dan fi stadju meta l-prosekuzzjoni kienet ġia' għalqet il-provi tagħha u inoltre saret ukoll id-difiża.*
>
> *Illi fil-fehma tad-difiża, dan id-digriet imur kontra l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li l-appellant mhux ser jingħata smiegħ xieraq in vista ta' din il-korrezzjoni.*

*Konsegwentement jitlob referenza kostituzzjonali.*

*L-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu jiddikjara li t-talba kif magħmula mid-difiża hija waħda frivola u vessatorja, għar-raġuni li d-digriet sureferit huwa wieħed raġunat kif ħa jkun ben spjegat fit-trattazzjoni tal-esponenti. Liema digriet kien aċċettat mill-partijiet, u vessatorju għaliex din it-talba qed issir f'dan l-istadju ta' reviżjoni.*

*Ġiet trattata it-talba għar-referenza kostituzzjonali tal-appellant.*

*Il-Qorti, semgħet il-partijiet, rat illi l-Liġi ma tippreskrivi l-ebda terminu fir-rigward ta' allegat ksur ta' drittiet fundamentaii tal-bniedem u tali ilment jista' jitqajjem f'kull stadju tal-proċeduri, fil-kwadru tal-fatti kif jemerġu mid-digriet fuq imsemmi, il-Qorti qed tilqa' t-talba għall-tali referenza u tordna li din il-kawża titħalla sine die, riappuntabbli fuq talba tal-partijiet una volta din ir-referenza ssir res judicata.*

2. Rat illi, fuq talba tal-Qorti għal spjegazzjoni aktar dettaljata dwar x'kienet ir-referenza kostituzzjonali fl-ewwel seduta quddiem dina l-Qorti, il-konsulent legali ddikjara s-segwenti:

   *Dr Joe Brincat għal kull buon fini jiddikkjara li r-referenza kostituzzjonali hija dwar jekk id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fit-3.10.2014 imurx kontra l-Art 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea stante li l-appellant ma kienx ingħata smiegħ xieraq.*

3. Rat id-digriet, mogħti fit-3 ta' Ottubru 2014, li abbażi tiegħu r-referent Spiridione Tanti Costa qiegħed jikkontendi d-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq qiegħed jiġi leż, fejn il-Qorti, wara illi għamlet rassenja ta' ġurisprudenza u konsiderazzjoni oħra, għaddiet biex laqgħet it-talba tal-prosekuzzjoni għall-korrezzjoni tal-akkuża.

4. Rat illi, biex wasslet għal tali deċiżjoni, il-Qorti qalet is-segwenti:

   *Il-fatti saljenti li taw lok għal dan ir-rikors huma s-segwenti:*

   *1. Fl-14 ta' Mejju 2004, l-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienet qed tagħmel osservazzjoni fuq suspettat traffikar tad-droga fiż-żona hekk imsejjħa Fgura Boċċi Club.*

   *2. L-imputat ġie osservat għal ħin twil f'din iż-żona u skont il-Prosekuzzjoni għamel ħin twil jitkellem ma' diversi persuni li kienu l-ħin kollu ġejjin u sejrin f'din iż-żona.*

   *3. Il-Prosekuzzjoni tallega li ħin minnhom l-imputat rema borża u dan wara li kien qed jiġi ċċirkondat minn membri tal-Iskwadra ta' kontra d-*

*Droga, peress li dawn kienu qed jissuspettaw li l-imputat seta' kellu xi droga fuqu.*

4. *Fil-fatt l-imputat ġie mwaqqaf u arrestat u ġo borża ftit metri l'bogħod minn fejn huwa ġie mwaqqaf, fil-konfini tal-Fgura Boċċi Club, instabu ammont ta' qratas tal-karti b'sustanza ta' lewn kannella ġo fihom.*

5. *L-imputat insista li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-borża bil-qratas misjuba fil-Fgura Boċċi Club.*

6. *Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat reġa' innega li huwa kellu x'jaqsam ma' dawn il-qratas u innega wkoll li jbiegħ id-droga.*

7. *Fit-8 t'Awwissu 2006, il-Prosekuzzjoni istitwiet il-proċeduri kriminali odjerni kontra l-imputat fejn ġie inter alia akkużat bir-reat tal-pussess hekk imsejjaħ "aggravat" tad-droga kokajina.*

8. *Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2007, xehed l-espert Spiżjar Mario Mifsud, li qal li fil-ħames qratas in kwistjoni nstabet id-droga eroina, f'ammont nett ta' 0.220 grammi, u eżebixxa r-relazzjoni relattiva tiegħu.*

9. *Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2008, il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi.*

10. *Fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2010, xehed l-imputat, fejn inter alia ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-pulizija.*

11. *Id-difiża għalqet il-provi tagħha fl-istess seduta tal-11 ta' Ġunju 2010.*

12. *Fis-seduta tat-8 ta' April 2011, saret it-trattazzjoni finali tal-partijiet, fejn id-difiża issottomettiet inter alia li l-imputat ma jistgħax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih għaliex l-imputat hu akkużat bil-pussess aggravat tad-droga kokajina, u mill-provi jirriżulta li d-droga fil-qratas kienet eroina u mhux kokajina.*

13. *Wara t-trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.*

*Fil-11 ta' Mejju 2011, il-Prosekuzzjoni ppreżentat rikors, fejn wara li ppremettiet li konsegwenza ta' lapsus calami, hija kienet indikat id-droga fl-ewwel imputazzjoni bħala "Kokajina" minflok "Heroina", u għar-raġunijiet spjegati fl-istess rikors, talbet "is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex, okkorrendo, l-imputat jitlob żmien biex jirregola d-difiża tiegħu," din il-Qorti "tawtorizza l-korrezzjoni msemmija u ċioe' li l-kelma "Kokajina" fl-ewwel imputazzjoni tiġi sostitwita bil-kelma "Herojina".*

*Fir-risposta tiegħu, l-imputat oġġezzjona għal din it-talba, għaliex issottometta illi:*

*1. illi dan m'huwiex sempliċiment każ ta' lapsus calami, imma fatt sostanzjali, li jolqot l-akkuża li għandha tkun preċiża ħalli l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu sew fuq l-istess akkuża.*

*2. illi l-Prosekuzzjoni ma tistax titlob korrezzjonijiet wara li tkun għalqet il-provi tagħha u saret it-trattazzjoni finali tad-difiża.*

*3. illi skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-imputat għandu jkun infurmat preċiż bl-akkużi kontra tiegħu.*

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*Każ analogu ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Spiru Spiteri, fejn ġiet milqugħa talba tal-prosekuzzjoni għal korrezzjoni fid-data, nonostante l-opposizzjoni tad-difiża fuq il-motiv li din ġiet mitluba wara li nstemgħu l-provi tal-prosekuzzjoni u wara li d-difiża kienet għamlet is-sottomissjonijiet tagħha kollha in meritu għall-każ, partikolarment dik li ma saret ebda prova, li l-imputat kien ħati tar-reat lilu addebitat fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni. Din il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali ta' din is-sentenza, li l-insenjament tagħha ġie segwit mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:*

*"Issa iċ-ċitazzjoni fil-ġudizzji sommarji, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza lokali in propożitu, ġiet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliż (ara deċiż. Preliminary "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deċiż definittivament fl-4 ta' Ġunju 1938); u għalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-prinċipji tad-Dritt Ingliż dwar din il-materja, senjatament il-prinċipju bazilari, hekk espress, aktar minn sebgħin sena ilu, fil-kawża "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Ġunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Maġistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

*Dan il-prinċipju ma ġie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-Liġi dwar dak li għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 għal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.). Tant illi fis-sistema Ingliża, fejn iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Liġi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jingħad li ma hemm ebda nullita minħabba difett fiċ-ċitazzjoni, iżda biss dritt għal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-iżball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess ħaga qalet din il-Qorti fil-kawża "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovaone legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di ċioe' che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

*L-istess ġie ritenut f'dawn il-kawżi, fost oħrjan, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll deċiżjoni reċenti ta' din il-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

*Id-difiża, pero' għamlet enfasi fuq iċ-ċirkostanza li l-korrezzjoni ġiet ordnata meta t-trattazzjoni kienet konkluża, billi l-Prosekuzzjoni kienet għamlet il-parti tagħha, u d-difiża kient għalqet il-kompitu tagħha difensjonali. Id-difensur iċċita wkoll l-art. 389 tal-Kap. 12 Ediz. Riv., li jgħid hekk: "Meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża, dak inhar stess, jekk jista' jkun, il-Qorti tagħti s-sentenza, billi tillibera jew billi tikkundanna lill-imputat."*

*Dan il-punt ġie diġa' kunsidrat mill-Imħallef sedenti fil-kawża App. Krim. "Pul. vs. Frank Borg", deċiża fis-6 ta' Marzu 1954; u ġie ritenut hekk: "Din id-disposizzjoni ma tvarjax l-effett tal-ġurisprudenza fuq ċitata, għaliex l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċiment biex ikun impost fuq il-ġudikant l-obbligu tad-deċiżjoni sollecita tal-kawża, u għaliex ma hemm xejn li jimpedixxi li, għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti "marte proprio", jerġa' jinfetaħ is-smiegħ, sija pure biex titbiddel l-imputazzjoni, kif sar*

*f'dan il-każ, basta tingħata, kif ingħata f'dan il-każ, l-opportunita' ta' differiment, jekk l-imputat irid dan id-differiment." … …*

*Lanqas hu l-każ li jingħad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod preġudikat, għax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fiċ-ċitazzjoni ma setgħux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruħu. Infatti, il-bażi ta' l-inkriminazzjoni kienet jekk kellu jew ma kellux fil-pussess tiegħu 214 il-par kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setgħax jiżvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni tista' ssir, il-preġudizzju, għall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma għandux jiġi magħmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruħu minn żball tal-Prosekuzzjoni, imma filli ġenwinament, minħabba dak l-iżball, hu jkun ġie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiża;*

*Lanqas għandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjaħ "variance" għax appuntu "variance" hi deskritta fil-ġurisprudenza Ingliża bħala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. … …"*

*Dan l-insenjament fil-każ ta' Spiteri, ġie segwit aktar riċentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Noel Falzon, deċiża fl-20 ta' Frar 2006. F'dan il-każ, l-appellant Falzon ilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx f'dak l-istadju inoltrat tal-kawża, addirittura wara li l-partijiet kienu spiċċaw jittrattaw il-każ, u kull ma kien jonqos kien li l-kawża titħalla għas-sentenza, tordna korrezzjoni fid-data tal-inċident, u addirittura tordna korrezzjoni fis-sentenza, mingħajr ma' tordna n-notifika mill-ġdid taċ-ċitazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li rriferiet għas-sentenza ta' Spiteri, ikkonkludiet li l-appellant kien jaf preċiżament kontra liema fatti hu kellu jiddefendi ruħu. (ara fl-istess sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Aaron Steven Stewart Edward Ritchie deċiża fit-18 ta' Lulju 2006 u Il-Pulizija vs. Ivan Duncan deċiża fl-1 ta' Diċembru 2006, is-sentenza Il-Pulizija vs. Carmelo Tabone et deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Marzu 1983, Il-Pulizija vs. David Jackson Zahra (sive David Zarb Jenkins deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Il-Pulizija vs. Wenzu Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 1980 u s-sentenzi fihom ċitati.)*

*Fir-risposta tiegħu, l-imputat jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Carmelo Pulis u Francesco sive Godwin Scerri deċiża fit-13 ta' Novembru 2012, li skont hu kien jitratta żball fiċ-ċitazzjoni tal-post fejn seħħ allegat stupru. Pero din is-sentenza ma tittrattax din il-kwistjoni. Is-sentenza li probabbilment l-imputat ried jirreferi għaliha hija*

*dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 t'April 2012 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Omissis u Francesco sive Godwin Scerri, li effettivament titratta l-kwistjoni imsemmija mill-imputat. Pero', fl-ewwel lok din ma kenitx kawża sommarja mill-bidu, bħal fil-każ odjern, imma bdiet bħala bil-proċedura tal-istruttorja, u fit-tieni lok, f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju tal-proċeduri in prim'istanza ma talbet il-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk "Jekk tul il-kumpilazzjoni Leonard Camilleri qal li kien seħħ stupru fl-Istitut ta' San Gużepp, il-prosekuzzjoni setgħet tagħmel dak li solitament isir, u ċioe' tintalab korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni. Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti għall-ġudizzju mingħajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qiegħed jintrabat mal-"fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet oriġinali." Għaldaqstant il-fattispeċje f'din is-sentenza huma differenti minn dawk fil-każ odjern.*

*L-imputat jirreferi ukoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-28 ta' Marzu 2014, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Christopher Buhagiar, fejn ukoll kien hemm żball fid-data fiċ-ċitazzjoni. Pero', kuntrarjament għal każ odjern, f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma talbet korrezzjoni taċ-ċitazzjoni. Fil-fatt, f'dik is-sentenza il-Qorti ikkummentat hekk: "Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda talba sabiex issir il-korrezzjoni relattiva fiċ-ċitazzjoni odjerna." Għaldaqstant il-fattispeċje ta' dak il-każ, huwa differenti minn dawk fil-każ odjern.*

*Fir-risposta tiegħu, l-imputat jagħmel riferenza għad-dritt fundamentali tiegħu li jkun infurmat preċiż bl-akkużi kontra tiegħu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem għaliex jeżorbitaw mill-kompetenza tagħha. Pero', din il-Qorti tixtieq tirrileva illi l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, irriteniet li mhux biss Qorti Kriminali in prim'istanza, imma wkoll ta' Qorti Kriminali fi stadju ta' appell, għandha kull dritt tirriklassifika ("requalify") l-elementi tal-imputazzjoni, imma jekk tagħmel dan, għandha obbligu tavża lill-imputat u ttieħ opportunita li jipprepara d-difiża tiegħu għall-imputazzjoni kif emendata.*

*Hekk fil-każ Affaire Varela Geis c. Espagne deċiż mill-Qorti Ewropea fil-5 ta' Marzu 2013, l-applikant kien ġie akkużat tar-reat ta' ġenoċidju, u nstab ħati in prim'istanza, u l-applikant appella. Il-Audiencia Prinvincial de Barcelone (fl-istadju tal-appell) illiberatu minn dik l-imputazzjoni imma sabitu ħati tar-reat inqas gravi ta' ġustifikażżjoni ta' ġenoċidju. Il-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea mhux għax tbiddlet l-imputazzjoni, imma għaliex l-applikant ma ġiet infurmat b'dan il-bdil u ma ingħatax opportunita' jiddefendi ruħu mir-reat inqas gravi. Fil-fatt il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

*"La Cour estime des lors que l'Audiencia Provincial de Barcelone devait, pour faire usage de son droit inconteste de requalifier les faits don't elle etait regulierement saisie, donner la possibilite au requerant d'exercer son droit de defense sur ce point d'une maniere concrete et effective, et donc en temps utile. Tel n'a pas ete le cas en l'espece, seul l'arret rendu en appel lui ayant permis de connaitre de maniere tardive, ce changement de qualification." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*L-istess prinċipju ġie ritenut fil-każ Pelissier and Sassi v. France deċiż mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' Marzu 1999, fejn fl-istadju ta' appell kriminali, l-applikanti ġew liberati mill-verdett tal-qorti kriminali tal-prim'istanza, imma ġew misjuba ħatja ta' reat alternattiv. Il-Qorti Ewropea rriteniet illi "The Court accordingly considers that in using the right which it unquestionably had to recharacterise facts over which it properly had jurisdiction, the Aix-en-Provence Court of Appeal should have afforded the applicants the possibility of exercising their defence rights on that issue in a practical and effective manner and, in particular, in good time. ... ... On the contrary, the material before the Court indicates that the applicants were given no opportunity to prepare their defence to the new charge, as it was only through the Court of Appeal's judgement that they learnt of the recharacterisation of the facts. Plainly, that was too late." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Fl-aħħarnett il-Qorti tagħmel riferenza għal każ Sadak and Others v. Turkey (No. 1) deċiż mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Lulju 2001. F'dan il-każ, l-applikanti ilmentaw li l-imputazzjonijiet kontrihom ġew mibdula fl-aħħar seduta tas-smiegħ tal-kawża. Il-Qorti Ewropea irriteniet hekk: "The Court therefore considers that, in using the right which it unquestionably had to recharacterise facts over which it had jurisdiction, the Ankara National Security Court should have afforded the applications the possibility of exercising their defence rights on that issue in a practical and effective manner, particularly by giving them the necessary time to do so. The case file shows that the National Security Court, which could, for example, have decided to adjourn the hearing once the facts had been recharacterised, did not give the applicants the opportunity to prepare their defence to the new chanrge, which they were not informed of until the last day of the trial, just before the judgement was delivered, which was patently too late." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, huwa permissibbli li jsiru tibdiliet fl-imputazzjonijiet qabel is-sentenza finali, bil-kundizzjoni li l-imputat jingħata l-opportunita' li jirriorganizza d-difiża tiegħu għall-imputazzjonijiet kif mibdula.*

*Applikati l-prinċipji suesposti, għal każ in eżami, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-imputat kien jaf preċiżament kontra liema fatti hu kellu*

*jiddefendi ruħu, u ċioe' dwar il-borża bil-qratas kontenenti sustanza suspettata illegali li instabet ftit metri 'il bogħod minnu, meta hu kien fl-inħawi tal-Fgura Boċċi Club fl-14 ta' Mejju 2004. Dan joħrog ċar kemm mill-istqarrija tiegħu kif ukoll mix-xhieda tiegħu stess fejn ikkonferma l-istqarrija. F'din l-istqarrija huwa kien ġie mistoqsi fost affarijiet oħra x'jaf dwar il-qratas li nstabu fil-viċinanzi tiegħu u li huma suspettati li jikkontjenu l-eroina, u l-imputat wieġeb "Ma naf xejn fil-fatt instabet madwar tletin pass 'il bogħod minn fejn kont jien." Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, l-imputat ftakar, di sua sponte, li kif ħareġ barra jixrob it-te, ġew fuqu l-Pulizija u li dak in-nhar hu ried imur għat-tifla l-iskola, u l-Pulizija ħaduh għat-tifla l-iskola u wara marru d-dar tiegħu jagħmlu tfittxija. Huwa rrisponda wkoll id-domandi in kontro-ezami. Id-difiża għamlet ukoll l-kontro-eżami tax-xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni u fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ma illimitax it-trattazzjoni tiegħu għal dan l-iżball fiċ-ċitazzjoni, imma għamel diversi sottomissjonijiet fuq allegati nuqqasijiet fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni dwar dak li seħħ waqt l-osservazzjoni li għamlet l-Iskwadra kontra d-Droga fiż-żona tal-Fgura Boċċi Club.*

*Għalhekk, fil-fattispeċi tal-każ odjern, il-kwistjoni jekk il-qratas li nstabu mill-Prosekuzzjoni ftit metri bogħod minn fejn kien l-imputat, kinux jikkontjenu s-sustanza kokajina jew is-sustanza erojina, ma hux dettal materjali, għax iż-żewġ sustanzi huma illegali. Mhux biss dawn iż-żewġ sustanzi huma t-tnejn illegali, iżda wkoll il-Liġi titratta r-reati li jinvolvu lil dawn iż-żewġ sustanzi illegali eżattament bl-istess mod.*

*Qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV tal-2014, li huma rrelevanti għal fini tar-rikors odjern, l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101) kienet issemmi biss id-drogi heroina u kokajina fl-Ewwel Skeda tal-istess Ordinanza, u tirregolahom bl-istess mod. Dan japplika wkoll għar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939), magħmulin taħt l-Ordinanza. Ir-reat tal-pussess aggravat kemm tad-droga kokajina kif ukoll tad-droga herojina jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ordinanza u tar-Regoli, u l-piena għaż-żewġ reati hija l-istess – ara l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u tal-każistika fuq ikkwotata, il-korrezzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni fil-verita ma tikkonsistix f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjaħ "variance", għax kif ingħad aktar il-fuq, "variance" hi deskritta fil-ġurisprudenza Ingliża bħala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence."*

*Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-korrezzjoni kif mitluba mill-Prosekuzzjoni għandha tiġi milqugħa.*

*Pero' l-Qorti hija tal-opinjoni li għalkemm din il-korrezzjoni ma ġġibx kambjament tar-reat imputat, il-Qorti hija tal-fehma li fi kwalsiasi każ l-imputat għandu jingħata ż-żmien kollu raġonevolment meħtieġ sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl tal-ewwel imputazzjoni kif se tiġi korretta, inkluż li jġib il-provi kollha li jidhirlu neċessarji u jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri – u dan mingħajr il-ħtieġa li l-imputat jagħmel hu talba għal differiment.*

*Konklużjoni*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tilqa' t-talba fir-rikors tal-Prosekuzzjoni limitatament fis-sens, li filwaqt li qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza:*

*1. tawtorizza l-korrezzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni, u ċioe' li l-kelma "kokajina" fl-ewwel imputazzjoni tiġi sostitwita bil-kelma "herojina", u*

*2. tiddikjara li se tati lill-imputat id-differimenti kollha li raġonevolment jeħtieġ sabiex jirregola d-difiża tiegħu għall-ewwel imputazzjoni kif korretta, inkluż li tawtorizzah li jġib dawk il-provi ulterjuri, li jidhirlu neċessarji u li jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri.*

5. Rat illi skond l-atti tal-proċess kriminali, fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Qorti pprovdiet is-segwenti:

   *"In vista tad-digriet mogħti llum, il-Qorti qed tiddifferixxi l-kawża sabiex id-Difiża tirregola ruħha fid-dawl tal-korrezzjoni awtorizzata fid-digriet tallum u ġġib dawk il-provi u tagħmel dawk is-sottomissjonijet illi jidhrilha neċessarji."*

6. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Frar 2015.

7. Rat illi, għal darba oħra, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015, fuq rikjesta tad-difiża ta' l-akkużat, il-Qorti pprovdiet is-segwenti:

   *Il-kawża differita sabiex id-Difiża tirregola ruħha fid-dawl tal-korrezzjoni awtorizzata fid-digriet tat-3 ta' Ottubru 2014 u ġġib il-provi u tagħmel dawk is-sottomissjonijet illi jidhrilha neċessarji għall-15 ta' April 2015.*

8. Rat illi fil-15 ta' April 2015, jidher verbalizzat hekk fis-seduta:

   *Dr Joseph Brincat għall-imputat qed jitlob li jkun jista' jirregola ruħu skond l-Att I tal-2015 (Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)*

*Il-Qorti tordna lid-difiża sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba tagħha inkluż il-kwistjoni tal-applikabbilita' tal-Att I tal-2015 għall-proċeduri pendenti u dan fi żmien xahar millum bil-visto jew notifika tal-Ispettur Dennis Theuma li jkollu żmien xahar min-notifika sabiex jippresenta nota responsiva."*

9. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-16 ta' Lulju 2015.

10. Rat illi fis-16 ta' Lulju 2015, il-Qorti osservat illi l-akkużat kien għadu ma għamilx is-sottomissjonijet ordnati mill-Qorti, u għalhekk ġie lilu konċess perjodu ieħor ta' xahar.

11. Rat ili għalhekk il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Novembru 2015.

12. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2015, għal darb oħra il-Qorti osservat illi l-akkużat kien għadu ma għamilx is-sottomissjonijiet ordnati mill-Qorti u għalhekk ġie lilu konċess perjodu ieħor ta' xahar.

13. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-27 ta' April 2016.

14. Rat illi, għal darba oħra, fis-seduta tas-27 ta' April 2016, il-Qorti osservat illi ma kinetx saret is-sottomissjoni ordnata, u ivverbalizzat kif ġej:

*Il-Qorti tosserva illi minkejja l-verbal tas-seduta preċedenti tat-18 ta' Novembru, 2015 (fol 138) id-Difiża baqgħet ma għamlitx in-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba tagħha fil-15 t'April, 2015.*

*ll-Qorti tosserva wkoll li wara s-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014 (fol 128) fejn ingħata digriet fejn ġiet awtorizzata korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, id-difiża baqgħet ma ġabitx provi jew għamlet dawk is-sottomissjonijiet li jidhrilha xierqa biex tirregola ruħha fid-dawl ta' din il-korrezzjoni.*

*In vista tal-verbal il-Qorti tikkonkludi l-imputat mhux interessat jagħmel sottomissjonijiet jew iressaq il-provi wara li ngħata diversi differimenti sabiex jgħamel dan u in vista tal-verbal tas-seduta preċedenti tat-18 ta' Novembru 2015 (fol 137) u dik tas-16 ta' Lulju, 2015 (fol 138) fejn il-Qorti kienet għamlitha ċara li jekk in-nota tad-Difiża ma ssirx fiż-żmien stabbilit, f'din is-seduta l-kawża tiġi differita għas-sentenza, il-Qorti se tiddifferixxi l-kawża għas-sentenza.*

15. Rat illi għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-30 ta' Mejju 2016.

16. Rat illi fit-30 ta' Mejju 2016 ingħatat is-sentenza finali.

17. Rat illi, fil-proċeduri odjerni quddiem dina l-Qorti, fil-5 ta' Novembru 2019, wara illi l-atti proċesswali kienu ġew allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni, l-konsulent legali ta' Spiridione Tanti Costa iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

18. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019, xehed l-Assistent Kummissarju Dr Dennis Theuma.

19. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019, il-partijet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippreżentaw u li l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

20. Rat illi fis-6 ta' Jannar 2020 gew ippreżentati s-sottomissjonijiet finali bil-miktub tal-abbli konsulent legali ta' Spiridione Tanti Costa.

21. Rat illi minħabba fl-egħluq tar-Reġistru tal-Qorti minħabba fil-pandemija Covid-19, il-konsulent legali tal-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija seta' jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu biss fil-5 ta' Mejju 2020.

22. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2020, in ottemperanza mad-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju 2020, il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

## Ikkunsidrat

23. Jirriżulta illi fil-verbal qasir u ekonomu ta' tlett linji illi sar mill-konsulent legali ta' Spiridione Tanti Costa quddiem dina l-Qorti fil-25 ta' Ġunju 2019 sabiex tiġi spjegata ir-referenza konstituzzjonali li dina l-Qorti kellha tikkunsidra, ġie rilevat illi d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fit-3 ta' Ottubru 2014 kien imur kontra l-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).

24. Jirriżulta illi, sussegwentement, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tal-konsulent legali ta' Spiridione Tanti Costa, huwa jikkontenda ulterjorment illi japplika wkoll l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni.

25. Jirriżulta illi l-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) jipprovdi li ġej:

> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
> *(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
> *(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dan li ġej:

> *(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
>
> *(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

27. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm ir-referent Tanti Costa kien vag ħafna meta rrifera għall-Artikolu 6 (3) tal-Kap 319, in vista tal-fatt illi sussegwentement huwa għamel ukoll referenza għall-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni, hija tista' tifhem u tasal għall-konklużjoni illi filwaqt li saret referenza għall-Artikolu 6 (3) in toto, ir-referenza partikolari li ried jagħmel ir-referent kienet għall-Artikolu 6 (3) (a) tal-Konvenzjoni Ewropea.

28. Jirriżulta wkoll illi l-ilment prinċipali tar-referent huwa illi, wara li l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha u, hekk kif il-kawża kienet ser titħalla għas-sottomissjonijiet finali, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuża fejn flok il-kliem '*kokaina*' tiddaħħal il-kelma '*eroina*', u tali korrezzjoni intlaqgħet mill-Qorti, bi ksur allegat tad-drittijiet tar-referent.

29. Jirriżulta, mill-eżami tal-proċess kriminali, illi, filwaqt li huwa minnu li l-akkuża inbidlet wara illi l-prosekuzzjoni kienet għalqet ix-xhieda u anke wara illi d-difiża stess kienet għalqet ix-xhieda wkoll, huwa wkoll minnu illi l-Qorti ikkonċediet lill-akkużat **<u>ħames differimenti</u>** fuq medda ta' aktar minn sena w nofs biex iressaq id-difiża tiegħu in vista ta' tali tibdil fl-akkuża, iżda l-akkużat ma għamel assolutament xejn f'tali perjodu.

30. Jirriżulta, għalhekk, illi l-akkużat ingħata l-opportunita' kollha sabiex, in vista tal-akkużi kif mibdula, jippreżenta difiża addizzjonali, iżda huwa naqas milli jagħmel dan, għalkemm ingħata ħames opportunitajiet differenti sabiex jagħmel dan.

31. Jirriżulta illi fil-kawża **Haxhia vs Albania** (29861/03) deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-08/10/2013, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tibdil fl-akkużi kontra persuna:

> *137. <u>In assessing the fairness of criminal proceedings as a whole, the Court has accepted that a reclassification of an offence will not impair the rights of the defence if the accused, in review proceedings, had a sufficient opportunity to defend himself</u> (see Dallos v. Hungary, no. <u>29082/95</u>, §§ 47-53, 1 March 2001; and Sipavičius v. Lithuania, no. <u>49093/99</u>, § 30, 21 February 2002). In the instant case, the applicant challenged his conviction as well as the reclassification of the offence before the Court of Appeal, which court was competent to deal with that issue. The Supreme Court also examined the applicant's appeal against his conviction on the*

*basis of the reformulated charge. It also examined his co-accused's appeal concerning the reclassification of the offence. That court was competent to afford the applicant and the co-accused relief (see paragraph 89 above) but it reasonably rejected the submissions.*

*138. The Court therefore considers that, having regard to the facts of the case, particularly the prosecutor's final submissions at the trial as set out in the District Court's judgment (see paragraph 70 above), it cannot be said that the applicant could not anticipate the reclassification of the criminal charge against him. The applicant had adequate time and facilities to prepare his defence to the reformulated charge and, in fact, he did advance before the Court of Appeal his defence to the reformulated charge. In this respect, the present case must be distinguished from the above mentioned Pélissier and Sassi case, where the Court of Cassation did not re-examine the "discretion" of the appeal court in reclassifying the charge.*

32. Jirriżulta illi dana il-ħsieb jidher illi ġie addotat ukoll mill-istess Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża MULOSMANI v. ALBANIA (29864/03) deċiża ukoll fil-08/10/2013 fejn il-Qorti qalet hekk.

*133. The Court therefore considers that, having regard to the facts of the case file, particularly the prosecutor's final submissions at the trial as set out in the District Court's judgment (see paragraph 76 above), it cannot be said that the applicant could not anticipate the reclassification of the criminal charge against him. The applicant had adequate time and facilities to prepare his defence to the reformulated charge and, in fact, he did advance before two courts his defence to the reformulated charge. In this respect, the present case must be distinguished from the above mentioned Pélissier and Sassi case, where the Court of Cassation did not re-examine the "discretion" of the appeal court in reclassifying the charge. The fact that, in the present case, the applicant's appeals were rejected does not indicate that the review procedures were not capable of remedying any shortcomings of the first-instance proceedings.*

...

*135. Having regard to the above considerations, the Court considers that the domestic proceedings, as a whole, do not disclose any elements of procedural unfairness. There has accordingly been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (a) to (d) of the Convention in that respect.*

33. Jirriżulta ċar illi, abbażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kif fuq kwotati, huwa essenzjali illi, la darba jinbdilu akkużi kontra persuna, tali persuna għandu jingħata biżżejjed żmien biex jifformula difiża

differenti, jekk ikun hemm il-bżonn, kif ukoll iressaq il-provi ulterjuri fid-difiża tiegħu, dejjem jekk ikun hemm bżonn.

34. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, wara illi nbidlu l-akkużi kontra tiegħu, fejn, filwaqt illi l-akkużi baqgħu eżattament l-istess, inbidlet biss is-sustanza illegali illi kienet qed tintuża, minn '*kokaina*' għal '*eroina*', it-tnejn li huma sustanzi illeċiti li l-użu jew bejgħ tagħhom jwassal għall-istess piena, l-akkużat ingħata żmien biżżejjed biex jipprepara difiża ulterjuri, jekk ħass opportun, kif ukoll jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri, imma, minkejja li ngħata ħames differimenti, ma għamel assolutament xejn – minflok, issa li ngħatat sentenza kontra tiegħu, qiegħed jittenta jargumenta illi d-drittijiet tiegħu ta' smiegħ xieraq ġew leżi, għalkemm seta' faċilment jagħmel tali osservazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u jitlob ir-referenza Kostituzzjonali dak il-ħin.

**35. Il-Qorti tosserva illi sfortunatament jidher illi saret il-prassi reċenti adoperata minn uħud, li persuni akkużati b'reati kriminali jagħmlu minn kollox sabiex jistultifikaw u jwaqqfu l-proċess ġudizzjarju Kriminali kontra tagħhom billi jiskoġitaw u jivvintaw kull tip ta' azzjoni ta' natura Kostituzzjonali bit-tama illi jtawwlu kemm jistgħu l-proċeduri kriminali fejn qed jinġabru l-provi kontrihom, bit-tama illi nelfrattemp jew jiġri xi ħaġa fil-provi miġjuba kontra tagħhom li eventwalment twassal sabiex l-proċeduri kontra tagħhom ikollhom eżitu negattiv jew inkella jgħaddi t-terminu ta' arrest tagħhom u eventwalment jingħataw il-ħelsien mill-arrest – dina l-prassi hija waħda skonċertanti u abbużiva għall-aħħar u l-Qorti tikkundanna bl-ebda riserva l-abbuż sfaċċat ta' proċedura daqstant importanti u solenni, bħalma hija dik ta' lezzjoni konstituzzjonali.**

**36. Huwa ċar, fil-każ odjern, illi l-proċeduri straordinarji marbuta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem qed jiġu abbużati u utilizzati sabiex jittawlu inutilment proċeduri oħra, liema proċeduri odjerni qed isiru abbażi ta' talbiet illi huma ċarament frivoli u vessatorji u intiżi unikament sabiex itawwlu proċess ġudizzjarju.**

37. Għalhekk, fil-każ odjern, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' illi tiddikjara il-lanjazi mqajjma mir-referenti fir-rikors promotur tiegħu tat-23 ta' Marzu 2018 bħala frivoli u vessatorji, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Għar-raġunijiet fuq premessi, qiegħda twieġeb ir-Referenza Kostituzzjonali li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali, billi;

**Tiddikjara** li d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħti fit-3 ta' Ottubru 2014 **ma jivvjolax** la l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

**Tiddikjara** wkoll illi r-referenza Kostituzzjonali illi saret minn Spiridione Tanti Costa kienet waħda frivola u vessatorja, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tiġi inserita fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs. Spiridione Tanti Costa*'.

Spejjeż kollha marbuta ma' din id-deċiżjoni huma għall-kariku esklussiv tar-referent, imputat fil-proċeduri fuq imsemmija.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur